# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Hamis 17 ta' Mejju, 2001 .

### Avviz numru : 145/97G2(PC)

**Marthese Mompalao .**

**VS**

**Angelo Vella .**

**Il-Qorti ,**

**Rat l-Avviz li permezz tieghu l-attrici talbet lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhux jigi kkundannat minn din il-Qorti, previa d-dikjarazzjoni minn din l-Onorabbli Qorti li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident stradali awtomobilistiku li gara nhar it-tletin (30) ta' Gunju, ta' l-elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) fi pjazza tomba, Victoria, Ghawdex, bejn il-vettura misjuqa minnek, tal-marka Kia bin-numr tar-registrazzjoni ANG-078 u l-mutur ta' l-attrici misjuq minn Paul Mompalao tal-marka Suzuki bin-numru tar-registrazzjoni P-2677, u dan stante in-negligenza grassa, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghek konvenut, thallas lill-attrici dawk id-danni kollha kif hekk likwidati minn din l-Onorabbli Qorti sofferti minn l-istess attrici kawza ta' l-incident fuq imsemmi .**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali t'Awissu 1997, u bl-ingunzjoni minn issa ghas-subizzjoni .**

**Rat id-digriet taghha tat-26 ta' Jannar 1998 fil-kawza 89/97 fl-ismijiet "Angelo Vella v. Paul Mompalao" quddiem din il-Qorti wkoll, li permezz tieghu irrikjamat dik il-kawza ghall-istess data li fiha kienet ser tinstema din il-kawza, bil-ghan illi dawn iz-zewg kawzi jinstemghu flimkien, billi kienu jittrattaw l-istess incident awtomobilistiku .**

**Rat l-atti kollha ta' dik il-kawza .**

**Ikkunsidrat :**

**Illi permezz tas-sentenza taghha moghtija llum ukoll f'dik il-kawza, li biha Paul Mompalao, iben l-attrici preenti, li fl-okkazjoni ta' l-incident stradali in kwistjoni, kien qed isuq il-motor cycle proprjeta' taghha, instab unikamnet responsabbli ghal dik il-habta, it-talbiet attrici f'din il-kawza ma jistghux jirnexxu .**

**Ghalhekk filwaqt ili taghmel piena referenza ghar-ragunijiet moghtija fis-sentenza taghha fil-kawza msemmija : "Avviz Numru 89/1997 fl-ismijiet : "Angelo Vella v. Paul Mompalao" deciza llum ukoll minn din il-Qorti .**

**Tiddecidi l-kawza prezenti billi, filwaqt illi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra taghha .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**

**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur .**

Si4597Pc
326